**Minuti tal-41 laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 14 ta' Ottubru, 2015 u li bdiet fis-1.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Is-Sur Philip Vella |
| **Viċi Sindku:** | Is-Sinjura Frances Galea |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| **Uffiċċjali:** | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| Ambaxxatur taż-żgħażagħ: | Is-Sur Eric Gauci |

**Attendenza mill-membri tal-pubbliku** 1

## 1. QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, l-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħa preċendenti Nru. 40 – 8, li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Aġġornament dwar l-Attivitajiet fix-xhur li ġejjin

- *Jum Dinji tat-Tfal*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-attivita' ta' Jum Dinji tat-tfal ser issir nhar il-Ħadd 15 ta' Novembru 2015. Hu qal li l-Kunsill informa lill-Arċipriet biex din l-attivita' tibda bil-quddiesa tal-10.30 a.m. fejn ikunu mistiedna t-tfal kollha biex jattendu. Waqt din il-quddiesa ser jipparteċipa wkoll il-kor tat-tfal "Fjur il-Marti Margerita". Wara tibda attivita' speċjali fil-Pjazza ewlenija sas-1.30 p.m. Il-Pjazza Santa Margerita u Triq Ta' Ċenċ il-parti t'isfel għanda tkun magħluqa għat-traffiku. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom jikkomunikaw ma' Jumpmalta dwar logħob divertenti għat-tfal, lis-Sinjura Georgine Ellis għal face painting, WasteServ biex isir stand apposta dwar tagħrif dwar il-ġbir ta' skart reċiklabbli permezz ta' xi maskot u jinġab ukoll Magician. Is-Sindku qal li hu mportanti li ssir poster apposta u li din

titqassam fl-iskejjel primarji kollha ta' Għawdex. Għandu jinkera sound system, jinxtara l-frott u l-ilma biex jitqassam lit-tfal għal waqt l-attivita'. Peress li l-attivita' ser issir b'risq The Malta Community Chest Fund għandhom jinġabu xi Piggy Banks apposta. F'kas tal-maltemp l-attivita' fil-pjazza tiġi kkanċellata.

- *Organ Fesitval*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din l-attivita' ħadmu fuqha Dr. Joseph Lia, l-Kunsilliera responsabbli mill-Kultura Maria Cassar Sultana , s-Segretarju Eżekuttiv u hu. Din l-attivita' ser tkun maqsuma fi tlett kunċerti u li ser tkun parti minn The Malta International Organ Festival, dan iffisser minn sensiela ta' kunċerti li ser isiru f'diversi lokalitajiet f'Malta. F'Għawdex ser isiru erba' kunċerti, tlieta minnhom ser isiru Ta' Sannat, fil-Knisja Parrokkjali u dawn huma:
Is-Sibt 28 ta' Novembru 2015 fis-7.00 p.m. – Bach's Baroque Masterpieces
Bis-sehem ta' Andres Uibo fuq l-orgni, Mari-Liis Uibo fuq l-vjolin u Aare Tammesalu fuq iċ-ċello, dawn it-tlieta ġejjin mill-Estonja u Joseph Lia, Baritnu minn Malta.
L-Erbgħa 2 ta' Diċembru 2015 fis-7.00 p.m. – Organ and Trumpet Concert
Bis-sehem ta' Ciricino Micheletto fuq l-orgni u Roberto Rigo fuq it-trumpet. Dawn it-tnejn ġejjin mill-Italja.
Is-Sibt 5 ta' Diċembru 2015 fis-7.00 p.m. – Gala Organ Concert
Solo Organ Works, Voice & Organ, Haydn's Missa brevis Sancti Joannis de Deo
Bis-sehem ta' Vladimir Suzdalevich minn Norveġja fuq l-orgni, Anastasia Bogacheva – Alto mir-Russja u Chorus Urbanus (Għawdex) taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea.
Is-Sindku żied jgħid li ssa ħafna mill-preparamenti lesti u jmiss li ssa jkollna attendenza tajba għalhekk għanda ssir propoganda tajba.

- *Milied*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-tiżjin tas-siġra tal-awrekarja fil-Pjazza Santa Margerita l-Kunsill riċenti rċieva mingħand is-Segretarja ta' Christmas in Gozo fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn infurmaw lill-Kunsill li l-Kumitat għandu l-pjaċir li jixgħel din is-siġra b'dawl dekorattiv għal żmien il-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Huma talbu lill-Kunsill biex tiġi organizzata attivita' għal meta tinxtgħel l-ewwel darba. Is-Sindku qal li hu kellhu laqgħa mas-Segretarju tas-Soċjeta Mużikali Santa Margerita fejn dawn offrew li jgħatu s-servizz tagħhom bi ħlas għal kunċert tal-Milied fil-Knisja Parrokkjali u wara tinxtgħel is-siġra. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku qal li hu ser jiltaqgħa ma' Valletta 18 biex jara jistax jakkwisa xi ħaġa tal-fondi għal din l-attivita'.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-kwotazzjoni għat-tiżjin b'dawl dekorrativ għal żmien il-Milied u l-Ewwel tas-Sena ta' Triq Sannat u l-Pjazza Santa Margerita, deher l-avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern il-bieraħ 13 ta' Ottubru 2015 u li din l-kwotazzjoni tagħlaq nhar il-Ġimgħa 6 ta' Novembru 2015.

## 3. Tiġdid tal-Kuntratti

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għandu żewġ kuntratti b'kwotazzjoni għat-tiġdid tagħhom għal sena oħra. Dawn huma:

SNT 03/2014 Servizz tal-Cleaner tal-bini amministrattiv tal-Kunsill li jgħalaq fl-1 ta' Frar 2016 u li jista jerġa jiġġedded mit-2 ta' Frar 2016. Il-Kunsill qabel li jġedded dan il-kuntratt b'sena oħra mit-2 ta' Frar 2016 sal-1 ta' Frar 2017.

SNT 04/2014 Servizz tal-Avukat tal-Kunsill li jgħalaq fl-1 ta' Frar 2016 u li jista jerġa jiġġedded mit-2 ta' Frar 2016. Il-Kunsill qabel li jġedded dan il-kuntratt b'sena oħra mit-2 ta' Frar 2016 sal-1 ta' Frar 2017.

## 4. Materji oħra

1. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill Lokali li rċieva mingħand ARPA dwar żewġ multi li l-Kunsill weħel fuq il-Proġetti minn Miżura 313 Ġnien tal-Bidwi Park u Miżura 323 Bini ta' Ħitan tas-sejjieħ fi Triq Ras in-Newwiela sa truf l-irdum.
   L-ammont tal-multa għal Miżura 313 hu ta' €3907.37. Waħda mir-raġunijiet kienet għaliex il-Garanzja Bankarja kienet skadiet qabel tlesta x-xogħol, din il-penali kienet ta' 5% u li tammonta għal €825.00ċ. L-oħra kienet li fl-offerta Nru. 09/2011 (Supply, installation, testing and commissioning of mechanical and electrical System at tal-Bidwi Park in Ta' Sannat) ma kienx hemm speċifikazzjonijiet biżżejjed fuq il-pompa u s-sistema tal-irrigazzjoni kontrollata, din il-penali kienet ta' 10% u tammonta għal €3082.37ċ. Il-Kunsill qal li ġa la darba l-Kunsill kien qabbad esperti biex jieħdu ħsieb huma l-involviment tal-ħruġ tal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta, l-Kunsill għandu jara li għandu jiġbor l-ammont tal-aħħar mingħand il-kumpanija Galea Curmi Engineering Consultants u f'dan il-każ li jżomm kull pagament.
   Il-multa fuq Miżura 323 kienet li l-Garanzija Bankarja fuq l-offerta ġiet irrilaxxata qabel ma tlesta l-proġett. Din il-penali kienet tammonta 5% bl-ammont ta' €2391.55.
   Għalhekk il-Kunsill hu mitlub li jħallas din il-multa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta 27 ta' Otturbru 2015 u jsir it-transferiment bankarju ta' €6298.92ċ.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li rċieva d-depositu mingħand Pelikola Ltd. ta' €17000.00c, fil-kont Bankarju. Dan l-ammont, kif kien mwiegħed mill-kumpanija Pelikola Ltd. tal-film "By the sea" li nħadem fil-Bajja ta' Mġarr ix-Xini għandu jintuża biex issir parti mit-Triq ta' Mġarr ix-Xini bil-konkos b'impatt ambjentali. Is-Sindku qal lill-Kunsill li x-xogħol għandu jibda wara dan ix-xahar ta' Ottubru peress li ngibditlu l-attenzjoni minn għaddasa lokali u barranin li dawn għadhom jinżlu u jiffrekwentaw il-qiegħ ta' din il-bajja. B'hekk il-Kuntrattur għandu jiġi nfurmat meta għandu jibda x-xogħol. Il-Perit tal-Kunsill għandu jiġi mqabbad biex jgħamel site visits waqt li jkun qed isir dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel ma dan.

3. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva diversi telefonati b'ilmenti li fi Triq Paranji sar konkos fuq it-triq minn xi ħadd. Is-Sindku qal li hu għamel rapport dwar dan lill-Pulizija. Jekk il-Kunsill jibqa ma jkunx jaf min għamel dan ix-xogħol illegali ser ikollu jieħu passi oħra li jneħħi dan il-konkos u fejn ser jitlob l-għajnuna tal-Pulizija biex waqt li jsir it-tneħħija ta dan il-konkos min jgħamel ix-xogħol ikun protett u jkun jista jaħdem.

4. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fi Triq tal-Gruwa u Triq Dun Luqa beda x-xogħol tat-tarmak. Hu qal li waqt il-laqgħat li saru apposta dwar il-Proġett tal-pipeline hu ssuġġerixxa kemm il-darba biex jsir water culvert ieħor fi Triq tal-Gruwa apparti dak li

sar fuq talba tar-residenti ta din it-triq. Wara dawn il-laqgħat kontinwi l-Ministeru għal Għawdex u l-Water Services Corporation laqgħu din it-talba tal-Kunsill li jgħamlu water culvert ieħor biex jirċievi l-ilmijiet tax-xita fix-xitwa peress li dak li sar mhux biżżejjed, iżda talbu lill-Kunsill biex iħallas parti għal dan ix-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni dwar dan għax dan l-ammont irridu ngħamlu tajjeb għalieh mill-allokazzjoni tal-Kunsill u qal ukoll li sa ssa l-Kunsill għadu ma ġiex mitlub b'dan bil-miktub. Il-Kunsill qabel li jkun lest li jħallas il-parti tiegħu s-somma ta' €10,000 biex jgħin biex isir dan il-water culvert. Dan meta din it-triq tinsab maqlugħa u biex jitlesta dan ix-xogħol sew u kemm jista jkun malajr biex b'hekk innqas l-ilmenti mingħand ir-residenti li jgħixu f'din it-triq. Barra dan, is-Sindku qal ukoll li f'dawn il-laqgħat hu talab biex jinbnew il-ħitan tas-sejjieħ mill-ġdid.

5. Is-Sindku qal lill-Kunsill li f'laqgħa apposta li kellhu ma' Chief Executive Officer tal-Water Services Corporation iddiskuta l-istat ħażin tal-wiċċ ta' Triq Gerxija u li s-CEO talbu l-istima ta kemm ser tiswa lill-Kunsill din it-triq u ritratti fejn juru dan l-istat li tinsab fiha din it-triq. Il-Kunsilliera Margaret Said talbet lill-Kunsill biex jitkompla jsir il-patching lil din it-triq li tinsab fi stat ħażin ħafna b'ħofor kbar l'hemm u l'hawn. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

6. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-laqgħa preċedenti s-Segretarju Ezekuttiv kien qal li attenda għal laqgħa dwar European Week for Waste Reduction u li dan l-avveniment ewropew ser isir bejn l-21 u d-29 ta' Novembru 2015, għalhekk hu qal lill-kunsill li l-Kunsill għandu jidħol għal din l-inizjattiva billi l-għaqdiet kostitwiti tar-raħal jiġu mitlub l-għajnuna tagħhom biex jiġu u jgħinu biex flimkien jitnaddfu żoni partikulari fir-raħal. Il-Kunsill qabel ma dan.

7. Is-Sindku nforma lill-Kunsill, li l-Kunsilli Lokali ta' Għawdex ġew mitlub mir-Reġjun ta' Għawdex biex kull Kunsill Lokali jinnomina personalitajiet mill-Kunsill Lokali Għawdxin, dan sabiex ssir attivita' kommemorattiva bil-kollaborazzjoni ta' Valletta 18 ta' personalitajiet li ġejjin minn lokalitajiet differenti u li għamlu ġieħ lil lokalita'. Fuq suġġeriment li sar mill-Kunsilliera Maria Cassar Sultana, l-Kunsill innomina lil Mro. Vincenzo Caruana Spiteri (Bejn l-1896 u l-1932, Surmast tal-iskola primarja Ta' Sannat u Mużiċist li kkompona diversi innijiet lill-parroċċa Ta' Sannat fosthom l-antifona tal-festa).

8. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill b'imejl li rċieva mingħand il-Kumpanija GreenPak, il-kuntratturi tal-Kunsill tal-iskart reċiklabli fejn dawn infurmawna li issa ser jibdew jinġabru u jiġu rreċiklati anke l-kartuna tal-pakkett tal ħalib u dawk tal-juices. Barra dan din il-Kumpanija qalet li bdiet toffri s-servizz li jinġabru ħwejjeġ użati u li bil-qliegħ li se jinġabru ser tingħata donazzjoni lil Nature Trust. Il-Kunsill qabel ma dan il-gbir u għandu jinforma lir-residenti dwar dawn is-servizzi.

9. Is-Sindku reġa semmha l-bżonn tal-By Law fil-Bajja ta' Mġarr ix-Xini. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu nforma lill-Avukat tal-Kunsill dwar dan.

10. Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa li hu kellhu mas-CEO, tal-Water Services Corporation fuq il-Pumping Station fil-Wied ta' Mġarr ix-Xini qal li s-CEO kien qallu li fil-kuntratt li jrid isir bejn il-Kunsill u l-korporazzjoni jinkiteb li f'każ li l-korporazzjoni jkollha bżonn tagħmel użu minnha din tibqa tal-Kunsill Lokali sa ħames snin.

11. Is-Sindku nforma lill-Kunsill b'imejl mingħand l-Onor. Dr Chris Said shadow minister għal Għawdex fejn wera x-xewqa li ssir laqgħa miegħu. Il-Kunsill qabel li ssir din il-laqgħa mall-Onor. Said.

12. Il-Kunsillier Joseph Bajada staqsa lill-Kunsill jekk is-sotto kumitat tal-Proġett tal-Pjazza Santa Margerita kienx qatt iltaqa'. Is-Sindku wieġeb li dan is-sotto kumitat għadu ma ltaqgħax. Għalhekk hu talab u ħass li hu u anke l-Kunsilliera Cassar Sultana għandhom jiffurmaw parti minn dan is-sotto kumitat. Is-Sindku wieġeb li hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni anzi jkun aħjar. Għalhekk il-Kunsill kollu ser jifforma parti minn dan is-sotto kumitat.

13. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill, il-budġit revedut għas-sena 2015. Il-Kunsill qabel ma dan il-budġit.

**Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali**

Memo 25/2015 - Green Public Procurement (GPP)
Memo 26/2015 - Delega tal-Infurzar Lokali lill-Aġenzija L.E.S.A.
Memo 27/2015 - Kjarifiki dwar Memo 21/2015 – L-Immaniġġjar tal-Iskart Elettriku u Elettroniku (l-WEEE) miġbur mill-Kunsill Lokali
Memo 28/2015 – Green Public Procurement (GPP)

**5. Ilmenti u suġġerimenti**

1. Is-Sur Philip Portelli ta' Triq l-20 ta' Lulju ilmenta li t-triq mhix fi stat abitabli. Il-Kunsill qabel li meta jkollu l-fondi neċċessarji jieħu ħsieb li l-wiċċ ta' din it-triq isir.

2. Dr Charles A Gauci b'imejl talab lill-Kunsill li biex tinżamm aktar indafa Ta'Sannat hemm bzonn li jsiru aktar dog litter bins. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba għaliex dan l-aħħar xtara żewġ bins minn dawn biex jeħlu wieħed fi Triq Paranji u l-ieħor fi Triq Dun Luqa.

3. Is-Sur Daniel Falzon ta' Triq Marsilja talba biex issir bankina ġdida ma binja ġdida quddiem l-blokk ta' appartamenti tiegu u ta' ħutu. Il-Kunsill ser jitlob lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvillup biex din il-bankina ssir.

4. Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana reġet qajmet l-ilment tagħha u tal-ġenituri li uliedhom jattendu l-iskola primarja Ta' Sannat biex titmexxa z-zebra crossing li hemm fi Triq Sannat biex din tersaq il-fuq aktar qrib l-entratura l-ġdida tal-iskola. Dwar dan għandu jintalab bil-miktub lill-Transport Malta.

   *Fis-2.25 p.m., il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana skużat ruħa biex toħroġ mill-kamra tal-laqgħa.*

5. Is-Sur Joseph Buttigieg ta' Triq it-Tilliera talab lill-Kunsill biex tiġi rranġata l-bankina ta' quddiem id-dar tiegħu. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

6. Is-Sur Joey Vella talab bozza ġdida fi triq ġdida fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus mall-bini l-ġdid minflokk dak ta' fejn kien hemm Palazzo Margherita għaliex filgħaxija qal li jkun hemm id-dlam. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

7. Il-Kunsill Lokali ġie mitlub mis-Sur John Mizzi biex fit-tarf tat-toroq Triq il-Blat, Triq Vincenzo Caruana Spiteri, Triq Falkun u Triq Dun Lazzru Camilleri isiru Stop Sign f'kull

tarf ta' triq li jgħatu għal Triq 28 t' April 1688. Il-Kunsill għandu jara x'hemm eżatt biex f'dan il-każ jitlob lill-Transport Malta.

8. Is-Sur Anton Zarb, il-Kuntrattur li mingħandu kienu nxtraw il-fanali tal-Pjazza Santa Margerita bgħat imejl fejn qal li hemm xi fanali li għandhom il-cup covers tal-fanali miksura u qal li dawn jikkaġunaw ħsarat fil-fanali. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob stima għal din it-tiswija ta' dawn il-fanali.

9. Il-Viċi Sindku talbet lill-Kunsill biex id-double yellow lines li hemm quddiem id-dar St Margaret fi Triq Ta' Ċenċ jonqsu minn naħa ta' dar Fatima. Il-Kunsill qabel ma dan.

10. Il-Viċi Sindku talbet lill-Kunsill biex it-tlett tabelli "For light vehicels only" li hemm fi Pjazzetta tax-Xelina jitneħħew. Is-Sindku ma qabilx ma dan iżda l-Kunsilliera qablu għalhekk il-Kunsilliera nsistew li dawn jinqalgħu.

11. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni biex il-bibien tal-bini tal-Uffiċċju Amministattiv ta' barra jinżebgħu mill-ġdid. Il-Kunsill ghandu jitlob stima mingħand il-mastrudaxxa li għamilhom.

**6. Ħlas ta' Kontijiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 20 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti.

**7. Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fit-2.50 p.m., u l-Kunsill iddeċieda li laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 11 ta' Novembru 2015, fis-1.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Philip Vella** | **Jason Curmi** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |